MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2010

Numru. 9/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**vs**

**David Grima**

**Illum 5 ta' Jannar, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi David Grima, ta' 31 sena, bin Anthony u Dolores nee' Calleja, imwieled Pieta' , nhar is-7 ta' Awissu, 1978, residenti numru 6, Triq il-Madonna tal-Gebla, Gzira, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 366078(M).

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Jannar, 2010, ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofs inhar (12:45hrs), gewwa c-centru tas-sahha tal-Gzira,

1. Ikkommetta, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-kigi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq Dr.Valerio Vella Catalano Med Reg No. 1931;

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirksotanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma ttitqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq Dr.Valerio Vella Catalano Med Reg No.1931;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' Dr.Valerio Vella Catalano Med Reg No.1931, skond kif iccertifikat Dr.M.Caruana M.D. Reg No 2397 mic-centru tas-sahha tal-Gzira;

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat l-artikoli 95, 96, 221 u 339(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta'l-imputazzjonijiet, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 221 u 339(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah hames (5) xhur pruigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------